MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2017

Rikors Maħluf Numru 475/13LM

**Antoine Spiteri**

***vs.***

**Mario Vella (K.I. 54955M)**
**Matthew Vella (K.I. 142787M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-20 ta' Mejju, 2013 mill-attur **Mario Vella** (minn issa 'l quddiem "l-attur"), li jgħid kif ġej:

1. *Illi nhar l-4 ta' Settembru, 2010 għall-ħabta tas-6.00 p.m. ġewwa Triq ix-Xtut, San Pawl il-Baħar l-esponent ġie aggredit mill-konvenut;*

2. *Illi minħabba dan l-aġir vjolenti da parti tal-konvenut l-esponent sofra ġrieħi gravi u ta' natura permanenti fuq il-persuna tiegħu u dan kif jirriżulta mill-anness rapport mediku (Dok A).*

*Għaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joġġħobha:*

1. *Tiddikjara illi nhar 4 ta' Settembru, 2010 għall-ħabta tas-6.00 p.m. ġewwa Triq ix-Xtut, San Pawl il-Baħar, il-konvenut aggredixxa lill-esponent u kkawżalu ġrieħi ta' natura permanenti fuq il-persuna tiegħu;*

2. *Tiddikjara konsegwentement illi l-attur sofra danni;*

3. *Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attur;*

4. *Tordna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma hekk likwidata.*

*Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali datata 8 ta' Awwissu, 2012, il-mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment u l-imgħax u l-konvenut inġunt in subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuti **Mario Vella u Matthew Vella** (minn issa 'l quddiem "il-konvenuti") li ġiet ippreżentata fl-30 ta' Lulju, 2013, li biha eċċepew:

1. *Illi in linea preliminari wkoll, l-azzjoni hija nulla u dana billi m'hemm l-ebda spjega fil-premessi ta' kif seħħ l-inċident, senjatament, għalfejn għandhom iġorru l-ħtija għal tali inċident u min mill-konvenuti għandu jġorr tali ħtija billi għal kemm ġew imħarrka żewġ konvenuti hemm dejjem riferenza għall-'konvenut' u per konsegwenza m'hemm l-ebda spejga tal-kawża fil-premessi u lanqas rabta bejn il-premessi u t-talbiet u dana bi ksur palesi tar-regoli li nisbu fil-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Illi l-pretensjoni hija waħda infondata fil-fatt u fid-dritt u dana stante li l-konvenuti ma jġorru l-ebda ħtija għall-istess inċident;*

3. *Illi l-konvenuti bħala fatt ġew illiberati minn kull akkuża penali f'dan ir-rigward u dana hekk kif jirriżulta mis-sentenza datata 12 ta' Lulju, 2012 per Maġistrat Doreen Clarke hawn annessa u markata bħala Dok MV 1*[1]*;*

4. *Illi m'hemm l-ebda likwidazzjoni ta' danni li tista' ssir billi m'hemm l-ebda persentaġġ ta' debilità permanenti;*

[1] *A fol.* 17 sa 19.

5. *Illi m'għandu jsir l-ebda ħlas ta' danni mill-konvenuti jew min minnhom lill-attur;*

6. *Illi finalment din il-kawża m'hija xejn għajr pretest ħalli inħareġ mandat ta' sekwestru kontra l-konvenuti u huwa abbuż lampanti tal-proċedura meta m'hemm l-ebda bażi għal dan u lanqas għad m'hemm persentaġġ ta' debilità li qed jallega li sofra l-istess attur;*

7. *Salv eċċezzjonijiet ultejuri hekk kif permessi mil-liġi.*

Rat ir-rapport ta' Mr Charles Swain[2] maħtur bħala Espert Mediku minn din il-Qorti kif diversament preseduta fl-udjenza tad-9 ta' Ottubru, 2013.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-13 ta' Jannar, 2014 fejn din il-Qorti kif diversament preseduta ħatret lil Dr Yvette Cassar bħala Assistent Ġudizzjarju f'din il-kawża, kif ukoll il-verbal tal-udjenza tat-12 ta' Frar, 2016 fejn din il-Qorti kif preseduta rrevokat l-inkarigu tagħha.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-8 ta' Jannar, 2016 fejn din il-kawża ġiet rikjamata minn din il-Qorti kif preseduta biex tinstema' kontestwalment flimkien mal-kawża Rikors Maħluf Nru 297/13LM.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-17 ta' Marzu, 2016, fejn il-partijiet qablu li l-provi fil-kawża Rikors Maħluf Nru 297/13 li qed tinstema' kontestwalment minn din il-Qorti kif preseduta flimkien mal-kawża odjerna, għandhom jiffurmaw parti mill-provi f'din il-kawża.

[2] *A fol.* 41 sa 43.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda miġbura mill-Assistent Ġudizzjarju.

Rat id-dokumenti u t-traskrizzjoni tax-xhieda prodotti fil-kawża Rikors Maħluf Nru 297/13LM.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-27 ta' Settembru, 2017 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Fl-4 ta' Settembru, 2010 il-partijiet flimkien mar-raġel ta' oħt l-attur, Etienne Fenech ġew fl-idejn wara argument li nqala' bejniethom rigward xi ilma li kien qed jiskula quddiem il-*boathouse* tal-konvenuti waqt li Etienne Fenech kien qed jaħsel id-dgħajsa ta' oħtu quddiem il-*boathouse* tiegħu, ftit 'il fuq mill-

*boathouse* tal-konvenuti. Il-konvenut Mario Vella allegatament ġie mweġġa' b'katina li kellu f'idu Etienne Fenech, liema allegati danni huma l-mertu tal-kawża fl-ismijiet **Mario Vella *vs.* Etienne Fenech**, Rikors Maħluf Nru 297/13LM, li qed tiġi deċiża llum ukoll. Fl-istess episodju weġġa' wkoll l-attur odjern li jallega li ġie aggredit mill-konvenut mingħajr ma jispeċifika liema wieħed mill-konvenuti odjerni, meta konvenuti f'din il-kawża huma tnejn u mhux wieħed. Il-partijiet fiż-żewġ kawżi jwaħħlu f'xulxin u jgħidu li ġew aggrediti mill-parti l-oħra u jsostnu li kulma għamlu kien li ddefendew lilhom infushom mill-aggressjoni tal-parti l-oħra. Il-konvenuti odjerni jgħidu li m'għandhom ibatu ebda spejjeż stante li huma kienu qed jilqgħu għall-aggressjoni tal-attur u ta' ħatnu, Etienne Fenech. Il-konvenuti qajmu wkoll l-eċċezzjoni ta' nullità minħabba li għalkemm fl-okkju tal-kawża jissemmew kemm Mario Vella u kemm Matthew Vella bħala konvenuti, t-talbiet attriċi huwa fil-konfront tal-"konvenut" mingħajr ma jiġi speċifikat liema wieħed mill-konvenuti allegatament aggredixxa lill-attur.

## <u>Provi u riżultanzi</u>

*Provi dwar ir-responsabbiltà:*

Fl-affidavit tiegħu l-attur **Antoine Spiteri**[3] jgħid li dakinhar tal-inċident ħatnu Etienne Fenech kien tella' d-dgħajsa ta' oħtu u meta dan kien qed jinħasel fis-*shower* tal-*boathouse* ta' missieru, sema' ħafna storbju.  Mar jittawwal u sab il-konvenuti, il-missier u l-iben, jikkustinjaw ma' ħatnu Etienne Fenech. L-attur

[3] *A fol.* 55 u 56.

jgħid li meta resaq lejhom, mingħajr ebda raġuni daru għalih u f'ħin minnhom innota li Etienne Fenech kien ġibed lil Mario Vella minn fuqu. L-attur jgħid li Matthew Vella tah daqqa ta' ponn fuq imnieħru u spiċċa nfaraġ u wara li pprova jferraqhom ċertu Johnny, Mario Vella b'idu x-xellugija tah daqqa ta' ponn fuq widnejh tal-lemin. L-attur jgħid li kienu għamlu rapport l-għassa u wara kien mar il-poliklinika tal-Mosta li mbagħad bagħtuh l-isptar Mater Dei. L-għada reġa' mar l-għassa u wara kien ċempillu l-ispettur Bond li qallu li Mario Vella xtaq li jirranġaw bejnithom, però qal li meta rah aktar kmieni filgħodu, Mario Vella lanqas biss kien kellmu jew skuża ruħu.

L-attur in kontroeżami jgħid[4] li ħatnu Etienne Fenech tella' d-dgħajsa ta' oħtu, u ħa l-ilma mingħandu biex jaħsilha għax ħatnu ma kellux ilma. Meta kien qiegħed jieħu *shower* sema' l-istorbju, għad li x-*shower* qiegħed fin-naħa ta' ġewwa tal-*boathouse* tiegħu li hija ta' xi erbgħin pied. L-attur jgħid li kien sema' lil Mario Vella u lil Etienne Fenech joffendu lil xulxin u meta ħareġ ra wkoll lil Matthew Vella hemmhekk. Mistoqsi jekk meta ħareġ kienx sabhom jgħajru lil xulxin jew kinux il-konvenuti qed jattakkaw lil ħatnu, għax l-attur hekk kien qal lill-Pulizija dakinhar tal-inċident[5], wieġeb li jista' jkun li żbalja dakinhar tal-inċident fil-fixla meta kellem lill-Pulizija.

L-attur jgħid li meta ħareġ mill-*boathouse*, minkejja li ma kienx kellimhom lil Mario Vella u lil Matthew Vella, dawn daru għalih għal xejn b'xejn u ma jafx għaliex. L-attur jgħid li Matthew Vella tah daqqa ta' ponn fuq imnieħru u meta spiċċat il-ġlieda, Mario Vella tah daqqa oħra għal għarrieda u kien hemm li

[4] *A fol.* 154 sa 165.
[5] Ara ir-rapport tal-Pulizija *a fol.* 81.

safa korrut. L-attur jgħid li fl-ebda ħin ma kien ra lil Etienne Fenech b'xi katina f'idejh.

**Etienne Fenech** fl-affidavit tiegħu[6] jgħid li dakinhar tal-inċident wara li tella' d-dgħajsa ta' oħtu u qiegħda quddiem il-*boathouse* tiegħu bħas-soltu, kien qed ilaħlaħha bl-ilma biss għax kienet għadha ġdida. Ix-xhud jgħid li f'ħin minnhom ħareġ Mario Vella mill-*boathouse* tiegħu u beda jgħajjat miegħu u jgħidlu li jekk il-karozzi itajru l-ilma fuq il-vettura tiegħu b'rasu jdur. Fenech jgħid li għall-ewwel ma tax kasu, però meta beda ġej lejh, kien qallu li huwa ma kellux tort għax-xaqliba tat-triq. Ix-xhud jgħid illi mbagħad ġie wkoll it-tifel ta' Mario Vella, Matthew u baqgħu igergru ħdejh u meta kienu se jitilqu, wieħed minnhom offendih b'kemm għandu. Dak il-ħin qal li ħareġ ħatnu Antoine Spiteri l-attur, li kien fil-*boathouse* ta' missieru żewġ bibien 'il bogħod, u kif ġie ħdejhom daru it-tnejn għalih u qabdu jagħtuh. Ix-xhud jgħid li biex jipprova jiddefendi lil ħatnu u peress li hu għandu diżabilità, qabad katina li kien hemm mal-art biex jifred lit-tnejn minn ma' Spiteri.  Ix-xhud jgħid li huwa ma tax bil-katina u fil-fatt din waqgħetlu mal-art u dawwar dirgħajh tal-lemin ma' għonq Mario Vella biex jiġbdu. Mario Vella beda jimbuttah lura u tah daqtejn u wara ġie ċertu Johnny minn *boathouse* oħra u ferraqhom.  Fenech jgħid li nnota li mart Mario Vella ġabret il-katina u daħlitha fil-*boathouse* tagħhom. Ix-xhud kompla jgħid li xħin telaq lil Mario Vella, dan għal għarrieda b'idu x-xellugija ta daqqa ta' ponn f'wiċċ Spiteri fuq in-naħa tal-lemin.  Fenech jgħid li wara hu u ħatnu Spiteri għamlu rapport l-għassa u wara marru l-poliklinika tal-Mosta. Meta hu mar lura l-*boathouse,* sab lil Mario Vella ma' ħbiebu jixorbu, jidħqu u jieklu l-pizza. Fenech jgħid li fl-20 ta' Settembru ċempillu l-Ispettur Bond li qallu li Mario Vella kien informa lill-Pulizija li kienet qed tuġgħu idu.

[6] *A fol.* 57 u 58.

Fenech xehed ukoll *viva voce*[7] fejn qal li meta Mario Vella u ibnu Matthew qabdu fl-attur Spiteri, kienu xi żewġ metri 'l bogħod minnu u biex iferraqhom kien hemm katina mal-art ħdejn id-dgħajsa u qal li peress li jsofri minn diżabilità kemm f'siequ u kemm f'idu, hu għolla l-katina biex iferraqhom. Ix-xhud jgħid li huwa ma laqat lil ħadd u l-katina waqgħet mal-art. Ix-xhud jgħid li f'ħin minnhom ġibed lil Mario Vella bil-katina u dan waqa' mal-art u llokjah b'idejh biex ma jiċċaqlaqx. Ix-xhud jgħid li wara ċertu Johnny ferraqhom u Mario Vella ċeda u ma baqax jagħti, iżda huma u sejrin, dan ta daqqa ta' ponn lil Antoine Spiteri.

Dwar id-diżabilità li għandu, Fenech spjega li fl-2003 kellu inċident bil-vann tax-xogħol u kellu feriti gravi f'siequ u idu x-xellugija tiżloga ruħha u idu l-leminija miksura fi tnax il-biċċa u allura ma jistax jiġġieled b'idejh. F'dan ir-rigward esebixxa r-*records* tal-isptar St Luke's[8] għas-snin 2003 u 2004.

Fil-kontroeżami tiegħu Fenech jgħid[9] illi d-dgħajsa li kien qed jaħsel fil-ġurnata tal-inċident kienet ta' ħames metri u nofs u kienet ta' oħtu ż-żgħira mhux tiegħu. Hu kien biegħha lil oħtu u kien għena tnizzilha l-baħar dakinhar tal-inċident u wara għena ttellagħha fuq it-*trailer* għall-art. Hu kien qed ilaħlaħ id-dgħajsa minn barra u oħtu ta' 36 sena u l-mara tiegħu kienu qed jivvakumjawha minn ġewwa. Ix-xhud jgħid li qabel dik il-ġurnata qatt ma kellu problemi ma' Mario Vella u lanqas biss kien qatt kellmu. Dakinhar Mario Vella ma kienx mar ikellmu bil-kelma t-tajba u qallu li jekk tixxarrab il-karozza tat-tifel tiegħu, b'rasu jdur. Ix-xhud jgħid li ma jafx jekk il-familjari li kien hemm dak il-ħin, inkluż it-tfal ta' ħatnu, semgħux dan id-diskors. Ix-xhud jgħid illi

[7] *A fol.* 127 sa 129 u 181 sa 183.
[8] *A fol.* 130 sa 135.
[9] *A fol.* 166 sa 175.

ħdejn id-dgħajsa kien hemm katina ta' żewġ metri biex biha tinġibed l-ankra u ġabarha mill-art. Ix-xhud spjega li għakemm għandu ksur f'idu, ġabarha b'żewġ idejn, għollieha 'il fuq biex jipprova jferraq lil Mario Vella minn mal-attur, tefagħha mal-art u ġibed lil Mario Vella u żammu u dan beda jimbuttah, però xorta żammu llokjat sakemm ġie ċertu Johnny minn *boathouse* oħra u pprova jferraqhom. Ix-xhud jgħid li hekk kif kienu se jitilqu, Mario Vella ta daqqa ta' ponn f'wiċċ ħatnu b'idu ix-xellugija. Mistoqsi għaliex kien issa li qed isemmi li Mario Vella ta daqqa lill-attur b'idu x-xellugija u jekk qed jallega dan għax illum jaf li Mario Vella weġġa' f'dik l-id, Etienne Fenech wieġeb li jaf żgur li Mario Vella ta daqqa ta' ponn f'wiċċ Spiteri. Ix-xhud spjega li għalkemm hu għandu diżabilità fiżika fi spalla, ma jfissirx li ma jista' jagħmel xejn u d-dgħajsa niżżilha u tellagħha bit-*trailer* u b'ħamsa u għoxrin sena esperjenza mingħajr ebda sforz fiżiku.

Skont ir-Rapport tal-Pulizija dwar l-Inċident, PIRS II 9/V/4319/2010[10], fil-ġurnata tal-inċident Mario Vella u Matthew Vella qalu li meta avviċinaw lil Etienne Fenech dan beda ikellimhom ħażin u kif Antoine Spiteri ħareġ mill-*boathouse* anki dan beda ikellimhom ħażin u ġew fl-idejn u Etienne Fenech attakkahom b'katina. Ir-rapport li għamel Etienne Fenech kien fis-sens li waqt li kien qed jaħsel id-dgħajsa, avviċinawh Mario u Matthew Vella u bdew jagħjtu miegħu u jinsulentawh u kif irrispondihom, dawn attakkawh. Skont ir-rapport Fenech qal illi biex jiddefendi ruħu għax kellu diżabilità u ma setax jimxi sewwa, uża katina li sab fil-post. Fenech qal ukoll li kif ħareġ Antoine Spiteri mill-*boathouse,* Matthew Vella u Mario Vella attakkawh ukoll. Skont dan ir-rapport Antoine Spiteri stqarr mal-Pulizija li dakinhar tal-inċident kien qed jieħu *shower* fil-*boathouse* tiegħu u kif sema' l-għajjat ħareġ u sab lill-

[10] *A fol.* 77 sa 83, ippreżentat minn **Adrian Borg** rappreżentant tal-Pulizija tal-Qawra.

konvenuti jattakkaw lil Etienne Fenech, u meta pprova jwaqqafhom, attakkaw lilu wkoll.

L-attur ippreżenta kopja tas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* Etienne Fenech**[11] fejn Fenech kien instab ħati li kien aggredixxa lill-konvenut Mario Vella bil-katina u li kien eċċeda l-limitu ta' difiża biex allegatament jiddefendi lil Antoine Spiteri, l-attur odjern, u l-Qorti tal-Maġistrati għalhekk imponiet piena karċerarja ta' sitt xhur sospiża għal sena. F'din is-sentenza jingħad li mill-provi miġjuba quddiemha, il-Qorti kienet temmen li kien Mario Vella li weġġa' lil Antoine Spiteri u temmen ukoll li għalkemm Etienne Fenech qal li ma kienx kapaċi juża l-katina minħabba li kellu spalla dislokata, anzi qal li meta qabadha, waqgħetlu minn idu, ma emmnitux għax qalet li kif seta' jaħsel il-karozza seta' juża katina u apparti dan jidher li Mario Vella veru sofra daqqiet fuq idu.

Il-konvenut **Mario Vella** fl-affidavit tiegħu jispjega[12] li hu għandu *boathouse* fi Triq ix-Xtut, il-Qawra u Etienne Fenech għandu *boathouse* oħra ftit aktar 'il fuq minnu. Dakinhar tal-inċident fl-4 ta' Settembru, 2010 bejn is-6.00 u s-7.00 p.m., Etienne Fenech tella' d-dgħajsa mill-baħar għat-triq quddiem il-*boathouse* tiegħu u kien qed jaħsilha bil-*pipe*. Miegħu kien hemm ħu l-mara tiegħu, l-attur Antoine Spiteri. L-ilma beda nieżel fit-triq għal quddiem il-*boathouse* tal-konvenut Mario Vella u fforma għadira ta' ilma maħmuġ imħallat bl-ilma tal-baħar, u peress li hemmhekk kien hemm il-karozza tat-tifel tiegħu Matthew ipparkjata quddiem il-*boathouse* tiegħu, il-karozzi li bdew jgħaddu mit-triq kienu qed itajru l-ilma għal fuq il-vettura ta' ibnu. Mario Vella

[11] Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, 11.06.2014, *a fol.* 191 sa 206.
[12] *A fol.* 42 u 43 tal-proċess Rikors Maħluf Nru 297/13.

jgħid li lil Fenech kien qallu "mela inti hekk tagħmel" u Fenech wieġbu li mhux hu kien xtara *boathouse* aktar 'l isfel minnhom. Kif Mario Vella qallu li ma kellux jitfa' żibel quddiemu, Antoine Spiteri mar fuqu u mbuttah u Fenech ġab katina kbira tal-metall mill-*boathouse* tiegħu u beda ixejjirha bl-addoċċ u laqtu f'idu ix-xellugija. Mario Vella jgħid li mhux veru li Etienne Fenech uża l-katina biex jifirdu minn mal-attur. Il-konvenut Mario Vella jgħid li hu ddefenda ruħu kif seta' u jinnega li kien xejjer daqqa lill-attur Antoine Spiteri u jgħid li probabbilment dan Spiteri intlaqat hu wkoll bil-katina ta' Etienne Fenech. Mario Vella jgħid li ibnu Matthew Vella kien preżenti mill-mument li Spiteri mbuttah u pprova jiddefendi lilu, però qal li ibnu ma weġġa' lil ħadd, la lil Spiteri u lanqas lil Fenech.

Il-konvenut Mario Vella jgħid li wara l-inċident ma ra l-ebda dmija fuq l-attur u fuq ħatnu Etienne Fenech. Mario Vella jgħid li l-mara tiegħu rat il-katina mal-art, ġabritha u wara għaddietha lill-Pulizija meta marru fuq il-post. Mario Vella jgħid illi l-attur u Etienne Fenech għamlu rapport lill-Pulizija li kienu marru fuq il-post biex jaraw x'kien ġara. Mario Vella jgħid li kienu ttieħdu proċeduri kriminali mill-Pulizija kontra l-erbgħa li huma u ppreżenta kopja tas-sentenza fil-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fejn hu u ibnu kienu ġew mixlija li kienu aggredew lil Antoine Spiteri u kkawżawlu feriti gravi.[13] Mario Vella nnega[14] li wara li kienet waqfet l-ġlieda, hu kien xejjer daqqa ta' ponn lil Antoine Spiteri f'imnieħru kif allegaw Spiteri u Etienne Fenech.

---

[13] **Il-Pulizija *vs.* Mario Vella u Matthew Vella**, 04.07.2012, *a fol.* 55 sa 57 tal-proċess 297/13LM. Il-konvenuti kienu ġew liberati wara li Antoine Spiteri u Etienne Fenech għażlu li ma jixhdux peress li kien għad hemm proċeduri kriminali pendenti kontrihom u l-uniċi provi li tressqu kienet ix-xhieda tal-akkużati stess u għalhekk l-imputazzjonijiet kontra Mario u Matthew Vella ma ġewx sodisfaċentement ippruvati.
[14] *A fol.* 153.

In kontroeżami l-konvenut Mario Vella jgħid[15] li għall-ewwel kien ra biss lil Etienne Fenech meta dan kien mar ikellmu fuq l-ilma u ma kienx ta każ jekk kienx hemm Antoine Spiteri li ġie f'salt minn quddiemu u mbuttah u jgħid li dak il-ħin Fenech kien diġà daħal fil-*boathouse* minn fejn ġab il-katina. Mario Vella jgħid li l-katina kienet ħoxna u tqila u Fenech żammha biż-żewġ idejn u meta xejjer il-katina lejh, din daret ma' idu u kkaġunatlu l-feriti. Mario Vella jgħid li żgur ma kienx imqabbad ma' Antoine Spiteri meta Fenech xejjirlu daqqa bil-katina. Mario Vella jgħid ukoll li l-katina li ġabar Fenech ma kinitx mal-art fejn kien qed jaħsel id-dgħajsa, imma kien ġabha minn ġewwa l-*boathouse.*

Fl-affidavit tiegħu l-konvenut **Matthew Vella** kkonferma[16] dak kollu li xehed missieru fl-affidavit tiegħu sa fejn hu kien sema' wkoll d-diskors bejn Fenech u missieru meta kien għadu kif tela' mill-baħar. Matthew Vella jgħid li hu kien qal lil Spiteri u lil Fenech li tal-inqas setgħu javżawh biex imexxi l-karozza tiegħu minn fejn kienet. Matthew Vella jgħid li kif Spiteri mbotta lil missieru, hu daħal bejniethom u dak il-ħin niżel Fenech ixejjer katina u biha laqat lil missieru f'idu. Matthew Vella jikkonferma li hu u missieru ma taw ebda daqqiet lil Spiteri u bħal missieru qal li probabbilment dan weġġa' b'xi daqqa bil-katina mingħand Fenech stess. In kontroeżami Matthew Vella jgħid[17] li lil Antoine Spiteri rah ħiereġ minn wara d-dgħajsa u kif imbotta lil missieru, Fenech kien diġà daħal iġib il-katina. Matthew Vella jgħid li hu daħal bejn missieru u Antoine Spiteri u nnega li kien ta xi daqqa ta' ponn lil Spiteri.

[15] *A fol.* 140 sa 147 u 150 sa 153.
[16] *A fol.* 58 tal-proċess Rikors Maħluf Nru 297/13LM.
[17] *A fol.* 148A u 148.

Xehed ukoll **PS 914 Ivan Mifsud**[18] li esebixxa kopja tar-rapport tal-inċident[19] u rrakkonta kif fil-ġurnata tal-inċident kienu marru l-għassa tal-Qawra l-attur u Etienne Fenech u t-tnejn li huma kellhom xi dmija u rrakkontaw kif ġew attakkati minn Mario Vella. Hu qalilhom biex imorru l-poliklinika tal-Mosta minħabba l-feriti li kellhom, fejn irriżulta li l-attur kellu feriti gravi. Sussegwemtement huwa mar fuq il-post tal-ġlieda u sab lill-konvenuti u dawn taw il-verżjoni tagħhom. Ix-xhud kien qal lil Mario Vella biex anki hu jmur il-poliklinika tal-Mosta għax kien imweġġa', fejn l-ewwel it-tabib Dr A. Bonello ċċertifikat li kien qed isofri minn ġrieħi ħfief, però fl-20 ta' Settembru, 2010 l-konvenut Mario Vella ppreżentalu ċertifikat ta' Dr Datz li kien qed isofri minn ġrieħi gravi.

*Provi dwar danni sofferti mill-attur*

L-attur **Antoine Spiteri** esebixxa flimkien mar-Rikors Maħluf[20] kopja tal-Karta tal-Identità tiegħu fejn jirriżulta li twieled fl-20 ta' Diċembru, 1971, jiġifieri fil-jum tal-inċident kellu kważi 39 sena. L-attur esebixxa wkoll[21] kopja ta' ritratti tal-feriti li allegatament ġarrab waqt il-ġlieda, kif ukoll kopja ta' ċertifikat rilaxxjat mit-tabiba A. Bonello mill-poliklinika tal-Mosta, li jgħid li l-attur kellu:

> *"1. Small laceration on right side of face ...*
>
> *2. Abrasion below left eye*
>
> *3. 15 abrasions over back and left arm*
>
> *4. 4 bruises: one over neck, one over chest and two over left side below left armpit*
>
> *5. Swelling nasal bridge & tenderness ....*

[18] *A fol.* 91 sa 94.
[19] *A fol.* 95 sa 101.
[20] *A fol.* 23.
[21] *A fol.* 4 sa 7.

*6. Swelling and tenderness over right side of face in front of right ear*

*Referred to Mater Dei for further investigations."*[22]

L-attur ippreżenta wkoll kopja ta' ċertifikat li ġie rilaxxjat mit-tabib J. Wyatt Muscat mill-Isptar Mater Dei wara li l-attur ġie riferut mill-poliklinika tal-Mosta, li jgħid:

*"Patient presented to ENT consultancy after being referred from Mosta health centre for futher management. On examination Mr. Spiteri had swelling over the bridge of the nose but no obvious displacement and a small laceration on right zygoma. He complained of decrease in hearing on right side and pain on opening his mouth over right cheek area. An x-ray was performed and showed a fracture of the right zygoma. This was followed by a CT scan to confirm. He also sustained a fracture of the nasal bone."*[23]

Fix-xhieda tagħha, **it-tabiba Arlene Cachia Bonello**[24] kkonfermat iċ-ċertifikat li hija kienet irrilaxxjat meta eżaminat lill-attur fil-poliklinika tal-Mosta.

Għar-rigward tal-introjtu annwali tiegħu, l-attur ippreżenta l-formola FS7 għas-sena 2012[25], kif ukoll il-formola FSS *Payee Statement of Earnings*[26] li turi dħul gross ta' €4,367 (bħala xogħol *part-time*) u l-formola FS3 *Final Settlement System* bit-total ta' dħul gross għas-sena 2012[27] ta' €14,969.51 (xogħol *full-time*).

Xehed ukoll[28] **Joseph Farrugia** in rappreżentanza tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni, li esebixxa l-FS3 tal-attur għas-sena 2012 kif ukoll dawk għas-snin

[22] *A fol.* 27A.
[23] Datat 04.09.2010, *a fol.* 8 u 9.
[24] *A fol.* 73 u 74.
[25] *A fol.* 24.
[26] *A fol.* 25.
[27] *A fol.* 26.
[28] *A fol.* 85.

2011 u 2013[29], li juru dħul gross għas-sena 2011 ta' €14,606 u għas-sena 2013 ta' €15,332.46.

*Rapport tal-Espert Mediku Mr. Charles Swain*[30]

Fir-rapport tiegħu l-Espert Mediku **Mr Charles Swain** jgħid li l-attur kien qallu li kien involut fi ġlieda bl-idejn ma' tnejn min-nies oħra fl-4 ta' Settembru, 2010 u qallu wkoll li fil-ġlieda kien qala' daqqa ta' ponn fuq imnieħru u kien infaraġ u ftit wara qala' daqqa oħra fuq il-ġenb tal-lemin ta' wiċċu u ma setax jisma' mill-widna tal-istess naħa. X-ray ta' wiċċ l-attur wera frattura mingħajr devjazzjoni tal-għadam tal-imnieħer. Kien hemm ukoll frattura taz-*Zygomatic Ramus,* l-għadma fil-ġenb tal-wiċċ, bejn il-widna u l-għajn. Dawn il-fratturi ġew ikkonfermati minn *CAT SCAN* tar-ras tal-attur li ttieħed ftit wara. Ma rriżulta ebda dannu ieħor tal-kranju u tal-moħħ mill-i*scan.* L-Espert Mediku jgħid li l-attur irritona d-dar dakinhar stess tal-inċident u fid-9 ta' Settembru, 2010 kien sarlu *Audiogram* bħala *outpatient* l-isptar Mater Dei. Fil-21 ta' Ottubru, 2010 l-attur kien ġie eżaminat minn speċjalista tal-ENT u min-noti tal-isptar jirriżulta li l-*Audiogram* kien normali u ma weriex nuqqas ta' smigħ fil-widna tal-lemin. Mr Swain jgħid li jirriżulta min-notamenti li l-ispeċjalista dak iż-żmien innota li l-attur ma kellux diffkultà biex jiekol u mnieħru kien dritt mingħajr devjazzjoni tas-*septum*.

[29] Rispettivament *a fol.* 87, 86 u 88.
[30] Datat 21 ta' Ottubru, 2013, *a fol.* 41 sa 43.

Mr Swain jgħid li rriżultalu li Antoine Spiteri kien impjegat bħala *lab technician* fi skola tal-Gvern u ftit jiem wara meta bdiet is-sena skolastika, seta' jibda jaħdem. L-attur ma kellux storja ta' mard fil-passat.

Ir-rapport ta' Mr Charles Swain ikompli jgħid:

"**ILMENTI ATTWALI:**

Antoine Spiteri jgħid li l-għadma tal-wiċċ kienet baqgħet minfuħa għal xi xhur u jħoss uġigħ fiha sal-lum, speċjalment fil-kesħa. Isib li hu diffiċli jogħmod ikel iebes bħal ħobż u tuffiegħ u ma jistax juża *chewing gum.* Spiss iħoss imniffsejh imblukkati.

**EŻAMI FIŻIKU:**

Antoine Spiteri jidher raġel f'saħħtu, ta' statura normali. Waqt l-eżami kien qiegħed jieħu n-nifs normalment. L-imnieħer dritt u l-imnifsejn indaqs u mingħajr sadd. Iż-żewġ naħat tal-wiċċ simetriċi u l-għadma taż-zygoma tal-lemin imfejqa sew, mingħajr nefħa jew distorsjoni. Jista' jiftah ħalqu sew u l-ġogi tal-mandibula huma intatti. Hemm ċikattriċi żgħira, twila 0.5 cm, u bilkemm tideher, fuq iż-zygoma tal-lemin.

M'hemmx sinjali ta' dannu fiżiku ieħor. Il-ġrieħi u t-tbenġil li jidhru fir-ritratti li ttieħdu il-jum tal-inċident ma ħallewx traċċi.

**KONKLUŻJONI:**

Antoine Spiteri sofra ġrieħi ta' natura gravi fil-ġlieda li nqalgħet tlett snin ilu. Il-fratturi tal-wiċċ issa imfejqin għal kollox. L-ilmenti suġġestivi li jiddeskrivi huma diffiċli biex wieħed jivverifikhom però fl-istess ħin huma kredibbli u possibilment permanenti.

Għaldaqstant nikkunsidra li Mario Spiteri għandu diżabilità permanenti bħala riżultat dirett tal-ġrieħi li ġarrab fl-4 ta' Settembru, 2010. Id-diżabilità tammonta għal tnejn fil-mija (2%) tal-persuna totali."

Saret eskussjoni tal-perit mediku mill-avukat difensur tal-konvenuti.[31] Mr. Swain spjega li hu ma kienx ra is-CT *scan* personalment minn fejn kien irriżulta li inizjalment kien hemm ksur fl-imnieħer, iżda qagħad fuq ir-rapport tar-radjologu ta' dak iż-żmien, kif jagħmel kull tabib anki meta jkollu pazjent taħtu l-isptar. Mr Swain jgħid li l-fatt li ma kienx hemm *displacement,* jiġifieri li l-imnieħer ma tgħawwiġx, dan kien jagħmel differenza, għax kieku tgħawweġ kien jkun sfreġju fil-wiċċ u jaffetwa l-*airways* ukoll. Mr Swain jgħid li meta għamel l-eżami tal-attur, kien fieq minn dan l-aspett. Meta eżamina lill-attur, irriżulta li anki il-frattura taż-zygoma fieqet waħedha mingħajr interventi kirurġiċi. Ir-rapporti tal-isptar kien rahom kollha u fejn ta diżabilità ta' tnejn fil-mija (2%) huwa kien qagħad fuq li kien qallu li qed iħoss l-attur, għax diffiċilment l-ilmenti li kellu setgħu jiġu vverifikati. Mr Swain jgħid li l-ilmenti tal-attur quddiemu li kien iħoss uġigħ meta jiekol ikel iebes, kien jikkuntrasta mal-konklużjonijiet tat-tabib tal-ENT li kien qal li l-attur ma kellux diffikultà l-attur biex jiekol. Mr Swain jgħid li ta lill-attur 1% għall-ftit uġigħ li qed jgħid li jħoss u 1% għax qallu li ma jistax jiekol affarijiet iebsin. Mr Swain jgħid li kieku l-attur ma qallux b'dawn iż-żewġ ilmenti, ma kien jagħtih diżabilità ta' xejn. Żied jgħid però li għalkemm l-uġigħ ma tistax tippruvah, dawn huma sintomi normali għat-tip ta' daqqa li kien qala' l-attur fuq iż-zygoma.

**<u>Kunsiderazzjonijiet legali</u>**

Fl-atti ta' dawn il-proċeduri ġew esebiti kopji ta' sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u dan wara li kienu ttieħdu

[31] *A fol.* 251 sa 254.

proċeduri kriminali kontra l-erba' persuni involulti fil-ġlieda inkwistjoni, ladarba kien irriżulta li kemm l-attur u kemm l-konvenut Mario Vella kienu ġarrbu ġrieħi gravi. Irid jingħad li għalkemm kif ġie deċiż fil-kawża fl-ismijiet **Maurice Meli Bugeja *pro et noe vs.* Francis Vella**[32], li:

> "Il-proċeduri kriminali u dawk ċivili huma distinti u separati u ma hemm xejn li jżomm lill-atturi biex jintavolaw din il-kawża fil-mori ta' proċeduri kriminali..."

u dan wara kollox kif inhu statwit bl-artikolu 6 tal-Kodiċi Kriminali fejn huwa rikonoxxut illi att delittwuż jista' jwassal għal żewġ azzjonijiet, waħda kriminali u l-oħra ċivili, li però jitmexxew indipendentement waħda mill-oħra, fis-sentenza fl-ismijiet **Godfrey Schembri *vs.* Victor Portelli**[33] ġie ritenut:

> "Għalkemm il-proċeduri kriminali huma distinti u separati minn dawk ċivili, Qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili tista' tirreferi għal dak deċiż f'kamp kriminali għall-fini tal-apprezzament tal-provi prodotti quddiemha, u s-sentenza hija prova li l-Qorti Ċivili tista' tqis u tikkunsidra. Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża **Briffa *vs.* Abela**, deċiża fit-28 ta' Marzu, 2003, osservat li ma hemm xejn kuntrarju għall-esebizzjoni f'kawża ċivili ta' kopja ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti, <u>iżda l-ġudizzju *in sede penale* jikkostitwixxi "waħda mill-provi, għalkemm hi prova importanti</u>" (sottolinejar ta' din il-Qorti). Din il-Qorti, fil-kawża **Xuereb *vs.* Micallef**, deċiża fis-26 ta' Novembru, 1923 kienet approvat dak li qal il-ġurista Laurent fis-sens illi "*si ritiene che il giudice civile può al bisogno attingere gli elementi della sua canonizazzione alle prove raccolta in procedimento penale*".

[32] P.A., 26.01.2001.
[33] Q.A., 31.05.2013.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Degabriele *vs.* Montebello**[34], b'adeżjoni ma' gurisprudenza anterjuri, intqal li "ma hemm xejn ħażin li ġudikant fi proċess ċivili jorbot deċiżjoni tiegħu mal-provi miġbura fi proċediment kriminali", proprju għaliex ma hemm xejn kuntrarju fil-liġi li f'kawża ċivili tiġi esebita kopja ta' sentenza mogħtija f'kawża kriminali fuq l-istess fatti, sakemm din tkun biss waħda mill-provi li qorti ċivili tieħu in konsiderazzjoni.[35]

Illi kwantu għall-grad probatorju rikjest fi proċeduri ċivili u fi proċeduri kriminali:

> "Il-ġudikant, fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dana għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli ebda dubbju raġjonevoli". (**Eucaristico Zammit *vs.* Eustrachio Petrococchino**, App. 25.02.1952).[36]

Fil-proċeduri odjerni, ġiet esebita kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* Mario Vella u Matthew Vella** li ma tantx hi ta' għajnuna, minkejja li l-konvenuti jinqdew biha fit-tielet eċċezzjoni tagħhom, għax f'dawk il-proċeduri ma kinux xehdu l-attur odjern u Etienne Fenech u għalhekk dik il-Qorti kulma kellha quddiemha kienet ix-xhieda tal-konvenuti odjerni, għax anki x-xhieda tal-membri tal-Korp tal-Pulizija li jkunu investigaw il-każ tkun ibbażata fuq dak li jkun intqal lilhom.

---

[34] P.A., 28.01.2010.

[35] Ara wkoll f'dan is-sens **Pace *vs.* Camilleri**, Q,A., 27.07.2007; **Caruana *vs.* Ministeru tal-Ambjent *et***, P.A., 07.07.2004 u **Bugeja *vs.* Coreschi**, Q.A., 30.04.2009.

[36] Ara ukoll **Paul Vassallo *vs.* Carmelo Pace**, App., 05.03.1986 u **Group 4 Securitas (Malta Limited) *vs.* Godfrey Lopez *et***, P.A., 25.11.2013.

Iżda għar-rigward tas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* Etienne Fenech** li wkoll ġiet esebita, ai termini tal-ġurisprudenza suċitata, din il-Qorti ċertament tista' tieħu konjizzjoni ta' din s-sentenza għall-finijiet ta' apprezzament tal-provi imressqin quddiemha.

Illi kwantu għar-responsabbilità għall-akkadut, din il-Qorti hi rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet opposti għal xulxin. Il-konvenuti min-naħa tagħhom jgħidu li Mario Vella kellem lil Etienne Fenech bil-kelma it-tajba, iżda ġie aggredit minnu b'katina u mill-attur Antoine Spiteri, filwaqt li l-attur u ħatnu Etienne Fenech jgħidu li filwaqt li Mario Vella flimkien ma' ibnu Matthew, marru jilmentaw b'mod aggressiv ma' Etienne Fenech dwar l-ilma li kien nieżel fit-triq, il-konvenuti daru għall-attur għall-ebda raġuni hekk kif tfaċċa u Etienne Fenech ddefenda biss lill-attur billi pprova jżomm lil Mario Vella milli ikompli jaggredih u ma tah ebda daqqiet bil-katina. Liema minn dawn iż-żewġ verżjonijiet hija dik veritjera, huwa ovvjament ta' importanza assoluta u l-qofol tal-vertenza odjerna. L-artikoli 1030 sa 1033 tal-Kodiċi Ċivili li jirregolaw ir-responsabbilità u eventwali ħlas ta' danni, japplikaw għal sitwazzjonijiet bħal dik odjerna:

> "**1030.** Kull min jagħmel użu ta' jedd tiegħu fil-qies li jmiss, ma jweġibx għall-ħsara li tiġri b'dan l-użu.
>
> **1031.** Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.
>
> **1032.** (1) Jitqies fi ħtija kull min bl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.
>
> (2) Ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-liġi, għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb fi grad akbar.

> **1033.** Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa ii biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk."

Tqis illi f'sitwazzjoni bħal din b'verżjonijiet hekk dijametrikament opposti għal xulxin, il-Qorti trid bilfors tirrikorri għal indizji oħra, bħal konsistenza fix-xhieda, verosimiljanza għar-realtà, indizzji korroborattivi u anki preponderanza ta' probabbiltajiet li jistgħu jnisslu ċertezza morali fil-ġudikant u dan aktar u aktar f'każ fejn il-partijiet fi ġlieda, tnejn fuq naħa u tnejn fuq in-naħa l-oħra, kienu l-uniċi xhieda okulari fil-kawża.

Meta jkun hemm kuntrast bejn ix-xhieda tal-partijiet, il-kriterju determinanti mhuwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx dak li jkun ġie spjegat lilu, iżda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja.[37] Il-grad probatorju rikjest fil-kamp ċivili huwa dak li biżżejjed li jkun inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabbilitajiet.[38]

Mhux l-ewwel darba li Qorti tkun rinfaċċjata b'verżjonijiet opposti għal xulxin, anzi meta każ ikun kontestat fuq il-provi u mhux fuq l-interpretazzjoni tal-liġi, x'aktarx li huwa proprju dan li jiġri, ċjoè li jkun hemm verżjonijiet konfliġġenti.

Illi kif ingħad mill-Qrati tagħna:

---

[37] **Borg *vs*. Bartolo,** App. Inf., 25.06. 1980.

[38] *Vide* wkoll **Caruana *vs.* Laurenti,** P.A., 08.04.1994; **Borg *vs. Manager* tal-Intrapriża tal-Ħalib,** P.A.,17.07.1981; **Vassallo *vs.* Pace (**Vol.LXX.II.144) u **Zammit *vs.* Petrococchino,** App. Kum., 25.02.1952.

> "Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola tal-*in dubio pro reo*. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni, huma ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha. Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappatoja tad-dubbju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilità u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawża ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant ... Anzi, f'każijiet bħal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn versjoni u oħra, aktar tidher il-possibbilità ta' qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti."[39]

Bl-istess mod, il-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Gunju, 2003, fis-sentenza fl-ismijiet **Middle Sea Insurance p.l.c. *noe vs*. Victor Sammut**[40] irreteniet illi:

> "F'każ ta' konflittwalità l-Qorti trid tadopera aktar attenzjoni biex proprju taċċerta ruħha jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet possibbli għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq l-bilanċ tal-probabilitajiet, tal-preponderanza u tal-verosimiljanza tal-provi." Għalhekk fil-konflitt ta' versjonijiet li jesisti f'din il-kawza għandu jiġi esaminat liema waħda mit-tezijiet konfilinġenti hi l-aktar attendibbli. Għandu jiġi esaminat jekk xi waħda mill-versjonijiet hi sostnuta mill-provi prodotti. Jekk jesistu tali provi konsegwentement ikun hemm sostenn qawwi u definittiv lil xi waħda mill-verżjonijiet li allura jista jingħad li hi korroborata. Għandu jiġi esaminat ukoll jekk jesistix xi fatt li jwassal għall-konklużjoni liema verżjoni tirrispekkja r-realtà tal-fatti, u kwindi għandha tiġi aċċettata bħala dik veritiera u attendibbli."[41]

---

[39] **Carmelo Farrugia *vs.* Rokku Farrugia**, P.A., 24.11.1966 *per* Onor. Imħallef Maurice Caruana Curran.
[40] 02.06.2003.
[41] *Vide* ukoll P.A., 09.12.2011, **Dr Elizabeth Vella M.D. *vs.* Bieb Bieb Limited *et.***

Din il-Qorti tagħmel riferiment ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tonna *vs.* Philip Azzopardi**[42] fejn ingħad illi:

"In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament ġuridiku tagħna jidhru li huma dawn:

a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timpani a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu *(actori incumbit probatio),* sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiża tal-attur *(reus in excipiendo fit actor)* – Ara **Vol. XLVI, P.i, pġ. 5**.

b) Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif jingħad, 'jista jkun ġie stabbilit fatt li juri *prima facie* li t-teżi tal-attur hija sostenuta' – Ara **Vol. XXXVII, P.i, pġ. 577**;

ċ) Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi *iuxta allegata et probata*, u dan jimporta illi d-deċiżjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti għab-bażi tad-domanda jew tal-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir bażi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ippruvat;

d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tiegħu hi soġġetta għal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jrid li fis-sentenza tingħata motivazzjoni raġonata li tikkonsenti l-kontroll tal-ħsieb loġiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-loġika u r-razzjonalita', kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont

[42] App.Inf., 12.04.2007.

> ġurisprudenza konkordi, ma tiġix disturbata minn Qorti ta' reviżjoni – Ara b'eżempju **Ramchand Kilumal *noe vs.* Jessie Blanco** – App. 30 ta' Ġunju, 1912 (Vol.XXIV. P.i, pġ. 104)".

Applikati dawn il-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza tal-Qrati għall-kawża odjerna, għandu jingħad illi fil-kawża Rikors Maħluf Nru 297/13 fl-ismijiet Mario Vella *vs.* Etienne Fenech li nstemgħet kontestwalment ma' din il-kawża u li wkoll ġiet deċiża llum, din il-Qorti wasslet għall-konklużjoni li kienet iżjed konvinċenti x-xhieda ta' Mario u Matthew Vella li kienu konsistenti fil-verżjoni tagħhom mill-bidu sal-aħħar. Din il-Qorti qieset li l-verżjoni li taw Etienne Fenech u Antoine Spiteri, man mano kienet tinbidel skont iċ-ċirkostanzi u kien hemm hafna diskrepanzi fix-xhieda tagħhom. Hekk pereżempju Etienne Fenech ipprova jagħti x'jifhem li hu ma kellux saħħa f'idu li jerfa' katina u jxejjer biha d-daqqiet. Però ħin minnhom jammetti fix-xhieda tiegħu li kien qabad il-katina b'żewġ idejn, kif wara kollox sostna Mario Vella, u għollieha 'l fuq. Etienne Fenech ma jagħti ebda spjegazzjoni għalfejn irrikora għal ġest vjolenti bħal dan. Ħin minnhom fix-xhieda tiegħu Etienne Fenech jgħid li l-katina waqgħetlu minn idejh, imma fix-xhieda li ta f'din il-kawża *a fol.* 128, jammetti li ġibed lill-attur bil-katina, meta f'partijiet oħrajn tax-xhieda tiegħu qal li din il-katina meta għollieha waqgħet minn idu. Il-Qorti tal-Maġistrati fil-kawża istitwita mill-Pulizija kontra Etienne Fenech, ma emmnitx lill-imputat meta qal li ma kellux saħħa f'idu, għax sostniet li dan ma setax ikun meta ammetta li felaħ jaħsel id-dgħajsa ta' oħtu. Terġa' u tgħid jekk il-konvenut kien tant diżabilitat li kellu idu x-xellugija tiżloga ruħha u idu l-leminija miksura fi tnax-il biċċa, allura kif irnexxielu skont kif qal hu, jillokja għonq l-attur?! Kien ikun aktar faċli għalih li jxejjer għal ftit katina ta' żewġ metri milli jibqa' jżomm persuna llokjata jekk idejh kienu daqstant problematiċi.

Waqt ix-xhieda tiegħu Etienne Fenech jgħid li hu kien tella' d-dgħajsa ta' oħtu mill-baħar u biex jipprova li seta' jagħmel dan minkejja d-diżabilità tiegħu, spjega in kontroeżami li kien irnexxilu jagħmel dan bis-snin twal ta' esperjenza li kellu u billi saq it-*trailer* sal-baħar mingħajr ebda sforz.

L-attur skont ir-rapport tal-Pulizija kien stqarr li meta ħareġ mill-*boathouse* kien ra lil Mario Vella u lil ibnu Matthew jattakkaw lil Etienne Fenech. Sussegwentement biddel il-verżjoni tiegħu u qal li kienu biss qed jitgħajru u l-konvenuti daru għalih għalxejn b'xejn. In kontroeżami l-attur jammetti li seta' dakinhar qal hekk lill-Pulizija fil-fixla. Imma normalment meta wieħed ikun mifxul, jinsa jgħid kulma jkun ġara mhux jispiċċa jgħid dak li ma jkunx ġara. Fil-każ in deżamina Antoine Spiteri kien irrapporta lill-Pulizija dak illi llum jammetti li ma kienx ġara, ċjoè kien qal lill-Pulizija illi Etienne Fenech kien ġie attakkat meta ma kienx.

Fil-kawża Rikors Maħluf Nru 297/13 Antoine Spiteri pprova juri li l-użu tal-forza li għamel Etienne Fenech kien ġustifikat għax dan ipprova jiddefendi lilu meta daru għalih Mario u Matthew Vella. Imbagħad Antoine Spiteri biddel il-verżjoni tiegħu, tenut kont ukoll tal-fatt li ma jidhirx li Etienne Fenech kellu xi ġrieħi fuq persuntu.

Etienne Fenech fix-xhieda tiegħu jgħid li meta seħħ l-inċident kienu preżenti martu u oħtu u t-tfal ta' ħatnu, imma għal xi raġuni ma tella' lil ħadd minnhom biex jixhed, liema nuqqas jitfa' ċerti dubji fuq il-verżjoni tiegħu u ta' ħatnu Antoine Spiteri. Din il-Qorti tmur oltre dak li kkonkludiet il-Qorti tal-Maġistrati fil-każ kontra Etienne Fenech u tqis li ma kien hemm ebda raġuni għalfejn Mario u Matthew Vella jaggredixxu lil Antoine Spiteri kieku ma kienx hu li

mbotta lil Mario Vella. Fil-fatt fir-rapport tal-Pulizija ngħad li Antoine Spiteri kien qalilhom li aggredixxa lil Mario u Matthew Vella biex jiddefendi lil Etienne Fenech. Din il-Qorti temmen li kien x'kien it-ton li Mario Vella uża meta beda jilmenta ma' Etienne Fenech, kienu Antoine Spiteri u Etienne Fenech li ħebbew għalihom b'Etienne Fenech juża katina ħoxna tal-metall ta' xi żewġ metri li tista' tagħmel ħsara kbira. Il-Qorti tal-Maġistrati għalhekk kienet ikkonkludiet illi jekk kien veru li Etienne Fenech kien aġġixxa għad-difiża leġittima ta' ħatnu, kien hemm eċċess da parti tal-imputat. Fis-sentenza li ngħatat illum ukoll fil-kawża Rikors Maħluf Nru 297/13 fl-ismijiet Mario Vella *vs.* Etienne Fenech, ir-responsabbilità għad-danni sofferti minn Mario Vella ġew akkollati kollha lil Etienne Fenech għax kif aġixxa Fenech ċertament ma kienx aġir ta' persuna responsabbli u għandu jitqies bħala aġir eċċessiv.

Illi fil-kawża odjerna fejn prattikament ġew prodotti l-istess provi bħal fil-kawża konnessa magħha (Rikors Maħluf Nru 297/13), loġikament anki hawnhekk hija l-verżjoni ta' Mario Vella u Matthew Vella li fil-fehma tal-Qorti għandha tiġi emmnuta. Matthew Vella nnega li kien ta daqqa ta' ponn lill-attur f'imnieħru u anki Mario Vella jinnega li wara li kien ikkalma kollox, għal xejn b'xejn kien ta daqqa ta' ponn lill-attur fuq in-naħa tal-lemin ta' wiċċu u ta' widintu. Tqum waħeda l-mistoqsija jekk tabilħaqq hija veritjiera l-verżjoni tal-attur Antoine Spiteri, allura għalfejn l-attur ma tellgħax jixhed bħala xhud tiegħu lil ċertu 'Johnny' li skont Spiteri kien mar biex iferraqhom, jekk tassew l-inċident inkwistjoni seħħ fil-preżenza ta' dan 'Johnny'? Min-naħa l-oħra però hu evidenti wkoll li l-attur fil-jum tal-ġlieda kien sofra ġrieħi gravi u hekk għadu jsofri sal-lum b'diżabilità permanenti ta' tnejn fil-mija skont ir-rapport tal-Espert Mediku inkarigat min din il-Qorti u dawn id-danni huma reali u ma ġewx mix-xejn. Il-Qorti tagħmel riferiment għas-sentenza tal-Qorti tal-

Maġistrati fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* Etienne Fenech** esebita in atti, fejn jingħad li mill-provi miġjuba quddiemha, il-Qorti kienet temmen li kien Mario Vella li weġġa' lil Antoine Spiteri. Anzi din il-Qorti iżżid tgħid li hija temmen li kien ukoll Matthew Vella li weġġa' lil attur, però dan seħħ waqt il-ġlieda fejn l-attur aggredixxa lill-konvenut Mario Vella billi mbuttah u spiccaw inqalbu fuq xulxin. Mill-feriti subiti mill-attur kif deskritti fid-dokumentazzjoni tar-rapporti tal-isptar Mater Dei u tal-poliklinika tal-Mosta, hu però evidenti li r-reazzjoni tal-konvenuti versu l-attur kienet sproporzjonata, tant li l-attur spiċċa bi ġrieħi gravi u bl-ebda wieħed mill-konvenuti ma ġie mweġġa' mill-attur. Kif deċiż illum stess fil-kawża li nstemgħet kontestwalment ma' din il-kawża, l-konvenut Mario Vella effettivament ġie imweġġa' mhux mill-attur odjern imma minn Etienne Fenech.

L-abbli avukat difensur tal-konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tiegħu, jagħmel riferiment għat-teorija tal-*calor rixae,* ċjoè tad-difiża wara li persuna tiġi pprovokata. Però skont il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, tali difiża mhijiex sostenibbli meta r-reazzjoni tkun waħda sproporzjonata kif ċertament kienet fil-każ odjern. Fis-sentenza fl-ismijiet **Matthew Camilleri *vs.* Kriston *sive* Carston Caruana**[43] jingħad illi:

> "Min jikkaġuna danni fi ġlieda ma jistax jinvoka, b'menomazzjoni tad-danni, il-provokazzjoni, jew, forsi aktar eżattament, il-"*calor rixae*", jekk il-provokazzjoni kien ipprovokaha hu stess. Kieku stess min jikkaġuna d-danni, ikkaġunahom waqt li kien qiegħed jirreaġixxi, l-iskuzanti tal-provokazzjoni lanqas hi ammessa, jekk dik ir-reazzjoni tiegħu ma kienitx proporzjonata.[44] ( **Kollez. Vol. XL, paġ. 376**)."

[43] P.A., 27.04.2007.
[44] Sottolinejar ta' din il-Qorti.

Hekk ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Alfred Sciberras *vs.* Walter Steel**[45] ġie ritenut:

> "Illi l-imħarrek jidher li jsejjes id-difiża tiegħu fuq il-provokazzjoni, jew aħjar id-dagħdigħa tal-mument (magħrufa bħala l-*calor rixae*). Biex isseħħ din id-difiża, ukoll fil-qasam ta' azzjoni ċivili għad-danni, jrid jintwera li jrid ikun hemm grad xieraq ta' proporzjonalità bejn l-għemil meqjus provokatorju u l-għemil li jnissel il-ħsara[46]. Fil-każ tal-lum, din il-proporzjonalità ma teżistix."

Tqis illi anki fil-każ odjern ma kinitx teżisti din il-proporzjonalità u l-konvenuti għandhom għalhekk jinżammu responsabbli għad-danni kaġunati lill-attur dakinhar tal-ġlieda ta' bejniethom.

Però qabel mal-Qorti tgħaddi sabiex tiddeċiedi dwar min kien responsabbli għal tali danni u tasal anki biex tikkalkula d-danni, l-ewwel sejra teżamina l-eċċezzjoni tan-nullità tar-Rikors Maħluf imanqla mill-konvenuti li tgħid li l-azzjoni attriċi hija nulla u dana billi m'hemm l-ebda spjega fil-premessi ta' kif seħħ l-inċident, senjatament, għalfejn għandhom iġorru l-ħtija għal tali inċident u min mill-konvenuti għandu jġorr tali ħtija billi għalkemm ġew imħarrka żewġ konvenuti hemm dejjem riferiment għall-'konvenut' u per konsegwenza m'hemm l-ebda spejga tal-kawża fil-premessi u lanqas rabta bejn il-premessi u t-talbiet u dana bi ksur palesi tar-regoli li nisbu fil-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

---

[45] P.A., 02.03.2006.

[46] P.A.,28.01.2004 fil-kawża fl-ismijiet **Jane Carbonara *pro et noe vs*. Mark Julian Ryan *et.***

Din il-Qorti kif preseduta kemm-il darba rriteniet[47] illi skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, biex nuqqas iwassal għan-nullità ta' atti gudizzjarji, hemm bżonn li jkun tali li ma jistax jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali.[48] Biex ċitazzjoni tiġi dikjarata nulla u jitwaqqaf il-kors tal-kawża, difett proċedurali ma jġibx in-nullità tal-att jekk il-parti l-oħra ma tbatix xi preġudizzju serju.[49] Biex tiġi dikjarata nulla ċitazzjoni u jitwaqqaf il-kors tagħha, jinħtieġ li jkunu jikkonkorru raġunijiet gravi, fosthom nuqqasijiet ta' evidenti preġudizzju għad-difiża tal-konvenut.[50]

Il-Qrati tagħna mhumiex favur il-formaliżmu esaġerat u fejn jistgħu jsalvaw l-atti u mhux jannullawhom. Il-prassi segwita mill-Qrati tagħna, anki abbażi tal-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-1995, inkluż l-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, hija li formaliżmu eżaġerat ilu ħafna li ġie mnaqqas u limitat u bir-raġun il-liġi qiegħda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formaliżmu u n-nullitajiet ta' diversi forom li jnutruh[51] u konsegwentement l-atti għandhom jiġu salvati anzichè annullati jew dikjarati nulli.[52]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Vella *vs.* Cefai**[53] l-Qorti tal-Appell sostniet li meta fl-att taċ-ċitazzjoni jkun hemm vjolazzjoni tal-forma, l-eċċezzjoni tan-nullità taċ-ċitazzjoni tista' tiġi milqugħa biss kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet lill-parti li titlob in-nullità preġudizzju li ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat. Inoltre l-Qorti kompliet tafferma li f'dawn il-każi huwa

[47] Ara fost oħrajn **Ellith Management & Sales Limited *vs.* Capstone Advisory Co. Limited,** 11.03.2015 u **Cranes and Commercial Sales Limited *vs.* Carmelo Borg *et***, 04.02.2016.
[48] **Emanuel Ellul *vs.* Agnese Gera de Petri *et***, Appell Ċivili Superjuri, 21.04.1995.
[49] **Attard Michael *vs.* Raymond Galea,** Appell Ċivili Superjuri, 12.05.1998.
[50] **Francis Xavier *sive* Mose Aquilina *vs.* Carmela *sive* Lina Aquilina**, Appell Ċivili Superjuri, 21.03.1988.
[51] **Malta Development Corporation *vs.* Paul Licari**, P.A., 22.04.2004, **Charles Fino *vs.* Alfred Fabri *noe***, Q.A., 28.02.1997; **Maurizio Urso *vs.* Fr. Charles Cini**, P.A., 19.01.1999.
[52] **Ellul *vs.* Coleiro.,** Q.A., 24. 01.1994; **Guillaumier Industries Ltd *vs.* Fava *et***, P.A., 28.10.1998, **Attard *noe vs.* Galea**, Q.A., 12.05.1998; u **Aquilina *vs.* Cassar**, **Kollez. Vol.LXXVI.IV.666**.
[53] Appell Ċivili, 04.11.1991, Vol.LXXV.II.467.

dejjem opportun li l-Qorti, kemm jista' jkun għall-pratticità u sabiex tiġi evitata multiplikazzjoni ta' kawżi u spejjeż żejda, għandha tkun iebsa meta tilqa' l-eċċezzjoni tan-nullità u kemm jista' jkun għandha ssalva atti ġudizzjarji. Att ta' ċitazzjoni għandu jiġi mwaqqa' u annullat biss għal raġunijiet gravi. In-nullità tal-atti ġudizzjarji hija sanzjoni estrema li l-liġi trid li tiġi imposta biss meta n-nuqqas formali jew sostanzjali fl-att, ma jistax assolutament jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali.[54]

Fuq kollox hemm ipprovdut fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, fl-artikolu 789, fl-ewwel subartikolu tiegħu:

> "**789.** (1) L-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista' tingħata -
>
> (a) jekk in-nullità hija iddikjarata mil-liġi espressament;
>
> (b) jekk l-att jinħareġ minn qorti mhux kompetenti;
>
> (ċ) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;
>
> *(d)* jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi:
>
> Iżda dik l-eċċezzjoni ta' nullità kif maħsuba fil-paragrafi (*a*), (*ċ*), u (*d*) ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull disposizzjoni oħra tal-liġi."

Meta jiġi applikat dan l-insenjament għall-każ odjern, joħroġ ċar illi n-nuqqas proċedurali invokat mill-konvenut ma ġabilhom ebda preġudizzju li ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat. Bil-kawżi li kienu għaddejjin

[54] Ara wkoll **S.M.T. Developers Limited u Bathroom Styles Limited *vs.* Soap and Sponge Limited**, Q.A., 06.02.2015.

quddiem il-Qrati tal-Magistrati u l-kawżi ċivili bejniethom dwar il-ġlieda inkwistjoni, il-partijiet kienu ben konsapevoli tal-asserzjonijiet u allegazzjonijiet fil-konfront ta' xulxin. Tqis għalhekk illi fl-ispirtu tal-insenjament sopraċitat, il-mod pjuttost ingarbuljat kif ġie ippostulat ir-Rikors Maħluf fil-kawża odjerna m'għandux jagħti lok għan-nullità tar-Rikors Maħluf u ta' dawn il-proċeduri. Għalhekk tqis illi din l-eċċezzjoni preliminari għandu tkun miċħuda.

*Danni allegatament sofferti mill-attur:*

Tqis illi l-attur ma ppreżenta ebda prospett ta' danni sofferti minnu bħala *damnum emergens.* L-attur lanqas biss ippreżenta provi dokumentarji dwar danni materjali li seta' sofra għajr għal telf prospettiv minħabba diżabilità permanenti. Għaldaqstant din il-Qorti ser tikkunsidra biss it-telf tal-qligħ abbażi tal-artikolu 1045(1) tal-Kap. 16 u ċjoè *lucrum cessans* minħabba d-diżabbilità permanenti li ġarrab l-attur b'konsegwenza tal-aġir tal-konvenuti, kif riskontrata mill-Espert Mediku.

*Lucrum Cessans:*

Din il-Qorti ser toqgħod fuq ir-rapport tal-Espert Mediku Mr Charles Swain li rriskontra diżabilità permanenti fl-attur ta' tnejn fil-mija (2%), ċjoè ta' wieħed fil-mija (1%) għall-uġigħ li l-attur jgħid li jħoss u ta' wieħed fil-mija (1%) minħabba li l-attur ma jistax jiekol ikel iebes. Dawn iż-żewġ kundizzjonijiet huma direttament relatati mad-daqqa li qala' l-attur fuq iż-*zygoma* fil-ġlieda li

kellu mal-konvenuti*,* liema daqqa abbażi tal-provi li ġew prodotti din il-Qorti qed tattribwieha lil Mario Vella. Fir-rigward ta' Matthew Vella, abbażi tal-provi prodotti, din il-Qorti qed tattribwixxi lilu d-daqqa li qala' l-attur fuq imnieħru, fir-rigward ta' liema però l-Espert Mediku ma rriskontra l-ebda diżabilità permanenti. Għaldaqstant il-konvenut Matthew Vella għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju *stante* li ma ġie ppruvat ebda ness bejn dak li l-attur allega li kien għamillu Matthew Vella u d-diżabilità permanenti riskontrata mill-Espert Mediku Charles Swain. Il-Qorti tqis illi r-responsabbilità għad-danni sofferti mill-attur għandha tiġi attribwita unikament lill-konvenut Mario Vella.

Illi fi żmien illi sofra d-diżabilità permanenti fl-4 ta' Settembru 2010, l-attur kien ser jagħlaq 39 sena. Ta' dik l-età, kellu probabbilità li jkompli jaħdem għal madwar 26 snin sa kemm jagħlaq il-65 sena u dan tenut kont tal-*working life expectancy* tal-attur f'kuntest fejn il-*life expectancy* tal-Maltin żdiedet sostanzjalment, u taċ-*chances and changes of life*.

Illi mill-*Income Tax returns* tal-attur jirriżulta li fl-2011 kellu qligħ nett ta' €11,381.60, fl-2012 kellu qligħ nett ta' €11,561.63 u fl-2013 kellu qligħ nett €11,853.46. Din il-Qorti ser tieħu l-ogħla minn dawn l-ammonti u miegħu qed iżżid is-somma ta' €4,367 bħala dħul annwali li l-attur kellu minn xogħol *part-time* u in vista tal-għoli tal-ħajja ser tieħu ċ-ċifra ta' €17,500 bħala l-*multiplicand.*

Il-komputazzjoni tat-telf għandha ssir b'dan il-mod: (€17,500 x 26) x 2% = €9,100. It-tnaqqis għal *lump sum payment* solitament huwa ta' 20%.

Minħabba li għaddew kważi seba' snin mid-data tal-inċident, it-tnaqqis għal-*lump sum payment* f'dan il-każ ser ikun ta' 10%[55] u għalhekk id-danni bħala *lucrum cessans* qegħdin jiġu likwidati fis-somma ta' **<u>€8,190</u>**.

## <u>Decide</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti, ħlief għat-tieni u l-ħames eċċezzjoni li qegħdin jiġu milqugħa fir-rigward biss tal-konvenut Matthew Vella;**

2. **Tillibera lill-konvenut Matthew Vella mill-osservanza tal-ġudizzju;**

3. **Tilqa' l-ewwel talba attriċi fil-konfront biss tal-konvenut Mario Vella u tiddikjara li d-danni sofferti mill-attur Antoine Spiteri fuq il-persuna tiegħu waqt argument li seħħ nhar l-4 ta' Settembru, 2010 għall-ħabta ta' bejn is-6.00 u s-7.00 ta' filgħaxija fi Triq ix-Xtut, San Pawl il-Baħar, ġew ikkaġunati unikament minħabba l-aġir tal-konvenut Mario Vella;**

4. **Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' tmint elef, mija u disgħin Euro (€8,190);**

[55] Ara **Spiteri *vs.* Zammit Tabone,** Q.A., 16.03.1999 u **Caruana *vs.* Camilleri,** Q.A., 27.02.2004.

5. **Tikkundanna lill-konvenut Mario Vella jħallas lill-attur Antoine Spiteri, is-somma ta' tmint elef, mija u disgħin Euro (€8,190).**

**Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenut Mario Vella, ħlief għall-ispejjeż tal-konvenut Matthew Vella li jibqgħu a karigu tal-attur Antoine Spiteri.**

Moqrija.